MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2006

Numru 1085/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**VS**

**JOSEPH CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Cassar, ta' 52 sena, bin John u Rosina nee' Bezzina, imwieled Bormla, nhar is-7 ta' Marzu, , 1954, residenti fil-fond numru 61, Triq San Gwakkin, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 238854(M);

1. Akkuzat talli nhar it-13 ta' Ottubru, 2006 ghall-habta tal-10.00pm, waqt li kien fi Triq il-Pelligrinagg, Bormla ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 440 u PC 218 – membri tal-Korp tal-Pulizija, li huma lkoll persuni nkarigati skond il-Ligi minn

servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess jum, ghall-habta ta' 11.30pm, waqt li kien fi Triq iz-Zafran, Marsascala, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi LL.D., u PS 1330, PC 843, u PC 1576 – membri tal-Korp tal-Pulizija li huma lkoll persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza fi vjolenza, jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza publikka kontra l-persuna ta' PS 1330, PC 843, u PC 1576, li huma lkoll persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew li jnaqqas il-gieh ta' tal-Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi LL.D., u PC 218, PS 1330, PC 843, u PC 1576 – membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta weggaghhom bi kliem, b'gesti, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 252 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP 434, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel

atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew il-morali, l-imgieba xierqa, jew id-decenza pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb), u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat, jew glied, jwe b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l- Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikolu 96 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikolu 252 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L- Artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l- Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Joseph Cassar, hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ghal zmien tlitt (3) xhur, sospizi ghal sena (1), ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tordna il-hrug ta' garanzija favur l-Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi LL.D., *ai termini* tal-Artikolu 383, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' sena (1), taht penali ta' mitt lira maltin (Lm100.00);
*Inoltre* tornda wkoll lill-imputat ihallas is-somma ta' mitt lira maltin (Lm100.00), bhala kumpens ghall-hsarat maghmula minnu, *ai termini* tal-Artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------